Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,583, 5 ta' Marzu, 2021
Taqsima B

A.L. 74 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)
Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Ċertu Postijiet ta' Divertiment

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 u 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent għas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Ċertu Postijiet ta' Divertiment u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Ċertu Postijiet ta' Divertiment, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 465.50.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "tlett elef euro (€3,000)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sitt elef euro (€6,000)".